MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2008

Mandat Numru. 293/2002/1

***Antoinette Ransley legalment separata***
***versus***
***Peter Paul Cutajar***

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Antoinette Ransley tat-8 ta’ Frar, 2002 ;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta’ Frar 2002;

Rat in-nota tar-rikorrenti tal- 11 ta’ Frar, 2002;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta’ Marzu, 2002 li permezz tieghu hattret lil Perit Richard Aquilina bhala Perit Tekniku bis-soliti fakultajiet;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku il-Perit Richard Aquilina illi gie ikkonfermat bil-gurament waqt is-seduta 15 ta' Jannar, 2008;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Illi l-Perit Tekniku wasal ghas-segwenti kostatazzjonijiet :

Illi fin-naha ta' wara tal-fond tar-rikorrenti hemm bitha li tidher fl-iskizz anness Dok R.A. u fin-naha tax-xellug taghha hemm bieb wiesgha zewg piedi u ghaxar pulzieri (2'10") u gholi ghames (5) filati, b'erba' targiet 'l isfel ghal go spazju zghir. Dan l-ispazju ghandu zewg hitan tas-sitt pulzieri (6") hxuna u f'dawn hemm ghadd ta' gebel maqlugh u ohrajn spustjati, kif jidher fir-ritatt R.A.2 u R.A.3;

Illi fin-naha tax-xellug ta' dan l-ispazju hemm bieb wiesgha zewg piedi u hdax il-pulzier (2'11") u gholi seba' (7) filati. Dan ghandu erba' targiet 'l isfel ghal gol-gardina (B) ta' l-intimat (vide ritratt Dok R.A.4). Din il-gardina tinsab kulurita bl-ahdar fil-pjanta Dok R.A.5;

Illi l-fond fejn jabita l-intimat, Palazzo Tonna, ghandu gardina (A) fin-naha ta' wara. Din, li tinsab kulurita bil-blu fil-pjanta Dok R.A.5 ghandha bieb fin-naha tax-Xlokk ghal gol-gardina (B). Din il-gardina (B) ghandha zewg fethiet, wiehed fin-naha tal-Grigal u l-iehor fin-naha tax-Xlokk ghal gol-gardina (C) kulurita bl-isfar, ukoll proprjeta mikrija lill-intimat. Il-gardina (C) ghandha hajt li jmiss ma' "Wesgha il-Palazz" li ghandha bini fuq zewg nahat u triq pubblika, (Triq Monsinjur Mikiel Azzopardi) fin-naha tax-Xlokk;

Illi ghalhekk il-Perit Tekniku wasal ghas-segwenti konkluzzjonijiet:

Illi mill-provi li nsetmghu, kif ukoll mill-kuntratti id-Dok. PPC u Dok PPC1, jirrizulta li l-fond "Palazzo Tonna" mikri lil omm l-intimat, kellu d-dritt ta' passagg fuq il-fond Nru 66, Triq il-Kbira, Siggiewi, proprjeta tar-rikorrenti;

Illi irrizulta wkoll li dan il-passagg ma ntuza qatt bejn l-1943 u 1997/1998. It-tliet graden tal-fond mikri lill-omm l-intimat ghandhom access minn wiehed ghal go l-iehor u l-gardina (C) ghandha hajt li jmiss ma spazju pubbliku;

Rat in-nota ta’ l-intimat tal-4 ta’ Frar 2008;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti tas-7 ta’ Marzu, 2008;

Peress illi r-rikorrenti ma irnexxielhiex tissodisfa ir-rekwiziti tal-Artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti qeghda tichad it-talba ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni;

Bl-ispejjez kontra l-istess r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------